MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Numru 15/1998

Il-Pulizija
(Supretendent Paul Sammut)

VS

John Attard ta' 18-il sena, bin Emanuel u Maria nee' Falzon, li joqghod 'Attard', Mgarr Road, Ghajnsielem, Ghawdex, (ID. No: 26475G) .

Il-Qorti;

Rat l-akkuza li permezz taghha John Attard gie akkuzat talli fit-13 ta' Marzu, 1994, ghal habta tat-8.15 p.m. waqt li kien fid-Disco Planet, Victoria, Ghawdex, kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied, u aktar ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq Mario Zammit skond ic-certifikat mahrug minn Dr. P. Sciberras MD tal-Isptar Generali Ghawdex .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Rat l-artikli ta’ l-avukat Generali li jgibu d-data tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju, tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) .

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma jsib ebda oggezzjoni li l-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali .

Rat il-verbal tal-parte Civile, fejn irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli, u li l-parte civile ma ghandhiex aktar interess illi tipprocedi kontra l-imputat .

Rat il-fedina penali .

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza li kiser il-bon ordni b’ghajjat u glied .

Ghal hekk il-Qorti, fuq din l-ammissjoni ta’ l-imputat, tiddikjara procediment ezawrit fuq it-tieni akkuza, ta’ feriti ta’ natura hafifa, u ssibu hati fuq l-akkuza l-ohra, tal-bon ordni, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum, u dana taht l-artiklu tnejn u ghoxrin tal-kap mitejn u sitta tal-ligijiet ta’ Malta .
S1598PcKrim

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------